MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 143/2009

**A B**
**vs**
**C *sive* C-D E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li minn relazzjoni li hi kellha mal-konvenut twieldu t-tfal F u G, rispettivament fl-20 ta’ Settembru 1997, u fit-13 ta’ Frar 2002; li l-konvenut ftit li xejn ha hsieb it-tfal tieghu, u manteniment hallas darba wahda biss ghat-tifla l-kbira, filwaqt li ma hallas ebda manteniment ghat-tieni wild; li l-konvenut ghandu l-vizzju ta’ droga u anke wehel tlett snin prigunerija; ghalhekk qed titlob li din il-qorti tnehhi l-patria potestas tal-konvenut fuq iz-zewg uliedu minuri, u li din tibqa’ vestita esklussivament fl-attrici ommhom; bl-ispejjez;

Rat li l-konvenut, debitament notifikat, ghazel li jibqa' kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob li s-setgha ta' genituri fuq iz-zewg ulied minuri tal-partijiet, titnehha minn fuq il-konvenut, u tibqa' vestita esklussivament fuq l-attrici.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li l-attrici bdiet relazzjoni mal-konvenut fis-sena 1999, u wara sitt xhur hija harget tqila minnu. Meta twieldet it-tarbija F fl-20 ta' Settembru 1997, ir-relazzjoni giet terminata.

L-attrici tghid li, permezz ta' l-Avukat taghha, hija 'rebhitlu' manteniment ta' LM10 fil-gimgha ghat-tifla; izda l-konvenut hallas dan il-manteniment darba biss. Fil-frattemp huwa kien jezercita l-access tieghu fil-Hdud; izda okkazzjoni minnhom l-attrici skopriet li l-konvenut kien abbuza mid-droga fil-prezenza tal-minuri, u ghalhekk, l-access waqaf.

Illi, wara hames snin, l-attrici regghet bdiet tohrog mal-konvenut, bir-rizultat li, xahar wara, hija harget tqila bit-tieni tarbija. Fiz-zmien tat-tqala, il-konvenut iddahhal il-habs fuq hold-up li kienet sehhet fil-Bank of Valletta; u minn dak in-nhar inqata' kull kuntatt mal-konvenut, u dana minn naha tieghu ma' ghamel ebda kuntatt ma' l-attrici, lanqas biex jara lit-tfal.

L-attrici tghid li l-konvenut abbanduna lil uliedu ghal kollox, u ma tax kashom; filwaqt li kienet hi biss waheda li

baqghet tiehu hsieb il-bzonnijiet tal-minuri, is-sahha taghhom u l-edukazzjoni taghhom.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Il-Qorti tosserva li l-verzjoni ta’ l-attrici, minbarra li ma gietx kontraddetta, tinsab konfortata minn xhieda ohra, u wkoll mill-fedina penali tal-konvenut. Jirrizulta car li l-konvenut ittraskura lil uliedu kompletament, filwaqt li, dawn dejjem kienu, u ghadhom, fil-kura u kustodja ta’ l-attrici.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet ta’ l-attrici huma gustifikati fil-fatt, u fid-dritt fit-termini ta’ l-artikolu 154 [a][b] u [e] tal-Kap.16; u ghalhekk jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------